MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1288/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Tiara Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitta u erbghin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm46.15) kwantu ghal disgha u tletin lira u hdax-il centezmu (Lm39.11) Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu 6 ta' Awissu, 2003 sal-5 ta' Awissu, 2004, in konnessjoni**

**mal-licenzja Nru 8114 (Dok A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favor tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Tikams" Msida, u seba' liri u erba' centezmi (Lm7.04) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-17 ta' Settembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li rapprezentant tas-socjeta` konvenuta baqa' ma deherx, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' sitta u erbghin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm46.15) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Awissu, 2003. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2003, kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------